MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 221/2007

**Middlesea Insurance p.l.c. kif surrogati fid-drittijiet ta' Espedito u Maria Concetta konjugi Spiteri u l-istess Espedito u Maria Concetta konjugi Spiteri**

**Vs**

**Alfred u Josephine konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Middlesea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' Espedito u Maria Concetta konjugi Spiteri u l-istess Espedito u Maria Concetta konjugi Spiteri fit-18 ta' Lulju 2007, permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti tikkundanna lil Alfred u Josephine konjugi Fenech jhallsuhom is-somma komplessiva ta' Lm2,983.06, ekwivalenti ghal €6,948.66, dovuta in kwantu ghal Lm2,968.06, ekwivalenti ghal €6,913.72, lis-socjetà Middlesea Insurance p.l.c. u ghal Lm15, ekwivalenti ghal €34.94, lill-konjugi Spiteri, rapprezentanti danni kagunati minhabba imperizja, negligenza, imprudenza w

inosservanza tar-regolamenti da parte tal-konjugi Fenech meta fit-2 ta’ Mejju 2006 dahal ilma mill-fond taghhom ghall-fond tal-konjugi Spiteri, ghal liema danni kellha taghmel tajjeb is-socjetà Middlesea Insurance p.l.c. skond *Home Policy* favur il-konjugi Spiteri, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-Rikors u bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Fenech;

Rat ir-Risposta tal-konjugi Fenechipprezentata fit-22 ta’ Awwissu 2007 permezz ta’ liema jopponu ghat-talba ta’ l-atturi u jitolbu li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li huma ma kellhom ebda imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti meta gara l-incident li ta lok ghall-kawza peress illi l-incident gara bil-lejl u l-pipijiet li cedew ma kienux imsadda u ghalhekk isegwi li dan kien purament incident u ghandu japplika l-principju ta’ *res perit domino*;

Semghet ix-xhieda ta’ Espedito Spiteri[1] u ta’ Josianne Scicluna[2] moghtija waqt is-seduta tat-28 ta’ April 2008 u x-xhieda ta’ Audrey Sant moghtija waqt is-seduta tas-27 ta’ Novembru 2008[3] u rat id-dokument esebit minnha u markat Dok. “AS” a fol. 31 sa’ 34 tal-process, rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta’ Alfred Fenech u ta' Josephine Fenech moghtija waqt is-seduta tad-9 ta’ April 2010 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju l-Avukat Dottor Daniela Mangion[4] u rat id-dokument, ossia pipe, Dok. “AF1” esebit minn Alfred Fenech waqt is-seduta tad-9 ta’ April 2010 a fol. 47 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Middlesea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta’ Espedito u Maria Concetta konjugi Spiteri u l-istess Espedito u Maria Concetta konjugi Spiteri jitolbu li l-konvenuti konjugi Fenech jigu

---

[1] Fol. 15 u 16 tal-process.
[2] Fol. 17 u 18 tal-process.
[3] Fol. 29 u 30 tal-process.
[4] Fol. 41 sa’ 44 tal-process.

kkundannati jhallsuhom is-somma komplessiva ta’ Lm2,983.06, illum ekwivalenti ghal €6,948.66, in kwantu ghal Lm2,968.06, ekwivalenti ghal €6,913.72 lis-socjetà attrici w in kwantu ghal Lm15, ekwivalenti ghal €34.94, lill-atturi konjugi Spiteri, rapprezentanti danni kawzati minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da parte taghhom meta fit-2 ta’ Mejju 2006 dahal ilma mill-fond taghhom ghall-fond tal-konjugi Spiteri, ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjetà Middlesea Insurance p.l.c. a bazi ta’ *home policy* li l-konjugi Spiteri ghandhom maghha. Il-konvenuti konjugi Fenech jilqghu ghat-talba attrici billi jikkontendu li l-istess hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda imperizja, negligenza, imprudenza w inosservanza tar-regolamenti da parte taghhom meta gara l-incident mertu tal-kontestazzjoni peress illi l-istess incident sehh mal-lejl u l-pipijiet li cedew ma kienux imsadda. Fid-dawl ta’ dan jikkontendu li dan il-kaz kien purament incident u jinvokaw favur taghhom il-principju *res perit domino*.

L-incident mertu tal-kontestazzjoni sehh fit-2 ta’ Mejju 2006 matul il-lejl meta infaqa’ pipe ta’ l-ilma minn taht is-sink tal-kcina tal-flat proprjetà tal-konvenuti konjugi Fenech u l-ilma pperkola fil-flat sottostanti proprjetà ta’ l-atturi konjugi Spiteri u gew kawzati diversi hsarat f'dan il-flat. Il-konjugi Spiteri ghamlu l-claim taghhom mas-socjetà attrici, ma' min kienu assikurati b'home *policy,* u peress illi fil-fehma tas-socjetà attrici l-claim taghhom kienet gustifikata ghaddiet biex tikkumpenshom ghall-hsarat minnhom sofferti b'konsegwenza tal-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti konjugi Fenech. Is-socjetà attrici ghalhekk qed tippretendi li tigi risarcita l-ammont minnha mhallas lill-konjugi Spiteri minghand il-konvenuti konjugi Fenech in bazi ghall-premessa li l-incident u konsegwenti hsarat gew kawzati minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti da parte taghhom u in bazi ghall-istess premessa l-konjugi Spiteri qed ifittxu lill-konvenuti konjugi Fenech ghall-hlas tas-somma ta' Lm15, li presumibilment tirrapprezenta l-excess minnhom imhallas skond il-polza ta' assikurazzjoni taghhom.

Huwa principju assodat in materja ta' danni li *kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*, principju dan enuncjat fl-Artikolu 1031 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Vella et v. Michael Cilia, Appell Civili Nru. 46/0** deciza fit-23 ta' Gunju 2004, *huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' danni illi 'biex ikun hemm lok ghar-responsabilità tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti (Kollez. Vol. XXX pIII p142).* Dan ifisser ghalhekk illi fil-kaz in ezami l-atturi ghandhom jippruvaw il-htija tal-konvenuti konjugi Fenech kemm ghall-perkolazzjoni ta' l-ilma fil-fond ta' l-atturi konjugi Spiteri kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali subiti b'kawza ta' tali perkolazzjoni ta' ilma. Ghaldaqstant, l-atturi ghandhom l-oneru li jippruvaw illi l-konvenuti konjugi Fenech **kolpozament u negligentement** ma hadux il-prekawzjonijiet ta' *bonus pater familias* mistennija minnhom biex jassiguraw li dak li sehh fit-2 ta' Mejju 2006 ma jigrix u konsegwentement li ma jigux ikkawzati hsarat fil-fond tal-konjugi Spiteri,

Kif osservat fir-rigward mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Tabone et v. John Ellul Sullivan noe et**, deciza fis-7 ta' Frar 1924[5], fejn id-danni mertu tal-kontestazzjoni kienu sehhew in segwitu ghal hruq fil-fond vicin ghal dak ta' l-atturi, *il vicino lo stabilimento del quale è incendiato come conseguenza dell'incendio scoppiato nello stabilimento vicino se chiede indennità al conduttore o al proprietario di tale stabilimento ha l'onere della prova della colpa di esso conduttore o di esso proprietario perchè egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto.*

Il-prova ta' l-atturi dwar ir-responsabilità tal-konvenuti konjugi Fenech ghall-perkolazzjoni ta' ilma fil-fond tal-konjugi Spiteri u konsegwenti danni kawzati lill-istess fond tikkonsisti fix-xhieda ta' Espedito Spiteri u fis-survey report

[5] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXV pIII p768.

imhejji minn MSB Valletta Limited kif ikkonfermat mis-surveyor Audrey Sant.

Espedito Spiteri xehed illi *jiena noqghod fil-flat 2, First Dawn, Triq il-Qaliet, Marsascala. Xi sena u nofs jew sentejn ilu fil-fond sovrastanti abitat mill-konvenuti Alfred u Josephine konjugi Fenech inqalghet xi hsara f'xi kanna ta' l-ilma u hareg l-ilma minnha. Dana beda jiskula u pperkola fil-fond tieghi. Meta sar hekk jiena ma kontx id-dar izda meta wasalt insib mal-pulzier u nofs ilma mad-dar kollha, li ghamilli hafna hsara, inkluz fit-tapiti u ghamara. Dana gara mal-lejl. Meta ndunajna fil-fatt it-tfal tal-konjugi Fenech gew ighinuna sabiex inbattlu l-ilma. Jiena kont assikurat mas-socjetà Untours, is-socjetà attrici u ghalhekk wara dan l-incident jiena ghamilt claim maghha li baghtitli s-surveyor u beda l-process tal-claim. Il-claim tieghi kienet twassal ghal elfejn disa' mija tlieta u tmenin lira u sitt centezmi. Il-hsara kienet imferrxa mad-dar kollha, inkluz il-mirja li kelli mal-hitan u l-istess hitan. Però jirrizulta ahjar minn deskrizzjoni dettaljata li sar waqt is-survey. Meta beda niezel l-ilma ma konniex id-dar. Konna barra l-lejl kollu. Gejna filghodu w insibu l-ilma d-dar. Is-surveyor ta' l-assikurazzjoni naf però li telghet fil-fond sovrastanti u dina qaltli li kien inqasmilhom il-pipe minn gol-kcina tal-konjugi Fenech. Is-surveyor fil-fatt qaltli illi hija riedet tiehu bicca mill-pipe dan illi kien maqsum, izda l-konjugi Fenech ma hallewhiex*[6].

Dwar il-hsarat kagonati fil-fond tal-konjugi Spiteri u l-kawza ta' tali hsarat Audrey Sant – is-surveyor ghal MSB Valletta Limited – ikkonstatat is-segwenti fir-rapport taghha[7]: ***<u>Damage</u>*** *the damage sustained relates to staining of various walls which will require repainting as follows: kitchen measuring 4mx5.5m, corridor measuring approximately, study measuring 3.5mx3m, spare bedroom 3mx5m, main bedroom 4.2mx4m. A gypsum bathroom ceiling requires replacement due to the extent of water it absorbed. This measures 3.3mx2.20m. A substantial quantity of water damaged the insured's fitted kitchen. The escaping water also caused damage to a unit in the*

[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2008, fol. 15 u 16 tal-process.
[7] Dok. "AS" a fol. 31 sa' 34 tal-process.

*study and three wall mirrors which were hanging in the corridor. Furthermore, several dancing books were noted to be wet due to this incident. Since most of the damage would only become evident in time, a second survey of the premises will be carried out.* ***Reserve for Insurers*** *At this preliminary stage, we recommend that a reserve of Lm3,000 is retained.* ***Third Party Aspect*** *This aspect is being considered further*.

Fix-xhieda illi tat waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2008[8], Audrey Sant iddikjarat illi *l-partijiet qaluli illi s-sors tal-perkolazzjoni ta' l-ilma kien il-ksur ta' flexible pipe taht il-kitchen sink, però dan il-pipe jiena ma rajtux u lanqas ma naf il-kawza ta' dan il-ksur. Meta ghamilt inspection niftakar li tlajt fuq il-bejt fejn rajt diversi twapet qeghdin hemm biex jinxfu. Jiena kellimt liz-zewg partijiet u r-rapport tieghi bbazajtu fuq dan li qaluli però bhalma digà ghedt ghal dak li huwa s-sors tal-perkolazzjoni ta' l-ilma qaghadt fuq li qaluli l-partijiet. Minkejja illi jiena mort fuq il-post dakinhar stess filghodu meta gie rappurtat lilna l-hsarat, l-ilma fl-art kien digà qieghed jigi xxuttat. Però stajt nara l-ilma jcarcar mal-hitan.*

Wara li qieset il-provi prodotti mill-atturi l-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta mill-fatt li l-konvenuti konjugi Fenech huma effettviament responsabbli ghall-hsarat kawzati fil-fond tal-konjugi Spiteri.

Ghalkemm ma hemmx dubju, u del resto lanqas huwa kontestat, illi matul il-lejl fit-2 ta' Mejju 2006 infaqa' pipe taht is-sink tal-kcina tal-konvenuti konjugi Fenech u l-ilma pperkola fil-fond tal-konjugi Spiteri bil-konsegwenza li gew ikkawzati diversi hsarat f'dan il-fond, fil-fehma tal-Qorti l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti li dana kollu sehh minhabba imperizja, imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parte tal-konvenuti konjugi Fenech. Ghalkemm huwa minnu li sid il-fond jew il-persuna li ghandu l-kustodja tal-fond ghandu r-responsabilità ghall-impjanti w installazzjonijiet tal-fond tieghu u b'hekk id-dover li jiehu l-mizuri tal-prekawzjoni u

[8] Fol. 29 u 30 tal-process.

salvagwardja ta' dawn l-impjanti u installazzjonijiet u l-obbligu li jaghmel tajjeb ghall-hsara kagonata minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet sakemm ma jippruvax l-accident jew kaz fortwitu, b'daqshekk ma jfissirx li d-danneggjat huwa mehlus mill-oneru li jipprova li s-sid tal-fond jew il-persuna li ghandu l-kustodja tal-fond kolpozament u negilgentement naqqs milli jiehu l-prekawzjonijiet ta' *bonus pater familias* mistennija minnu biex ma tigrix hsara fil-fondi vicini jew, bhal dan il-kaz sottostanti.

Kif osservat mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana *in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051* – simili ghall-Artikolu 1031 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – *non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso casuale fra cose in custodia e danno, ossia di dismotrare che l'evento si è prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito* – Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075[9].

Din il-prova però jigi ribadit baqghet ma saritx b'mod sodisfacenti u ghalhekk l-azzjoni attrici kontra l-konvenuti konjugi Fenech difficilment tista' tirnexxi. Apparte n-nuqqas ta' prova kontra l-konvenuti konjugi Fenech da parte ta' l-atturi, l-istess konjugi Fenech irnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti li dak li sehh matul il-lejl fit-2 ta' Mejju 2006 kien fil-fatt accident u mhux incident kawzat b'imperizja, imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parte taghhom.

Il-konvenut Alfred Fenech xehed illi *l-pipe infaqa' bil-lejl milli qaluli billi jiena kont l-isptar. Il-pipe assolutament qatt ma taghni x'nifhem li ser jinfaqa'. Ahna l-bini t'hawn hadnieh gebel u saqaf. Bejn wiehed u iehor nghid li l-bini spiccajnieh f'Dicembru 1996. Ix-xoghol ta' piping ghamlu l-plumber li gibna. Nghid li l-plumber jismu Jonnhy Collins. Nghid illi qatt ma kien hemm hjiel minn 1996 sa' meta inqala' l-incident li kien ser jinqala xi haga. Dan Collins*

[9] Giovanni Vella et v. Michael Cilia, Appell Civili Nru. 46/0 deciza fit-23 ta' Gunju 2004.

*ghamel kollox li jinkludi dawl u ilma. Fil-kmamar tal-banju qatt ma kien hemm leakage*[10].

Il-konvenut esebixxa l-pipe in kwistjoni[11] u l-kondizzjoni ta' dan il-pipe tikkonferma dak li qal Fenech u cioè li qatt ma kien hemm hjiel li dak il-pipe kien se jinfaqa'. In effetti l-kondizzjoni esterna tal-pipe hija tajba hafna u ma taghti ebda indikazzjoni ta' xi *leakage* ta' ilma li kien ilu jimmanifesta ruhu matul iz-zmien u li kien qed jigi injorat mill-konvenuti. L-unika indikazzjoni ta' hsara kienet tinsab taht il-kamin tal-pipe u rrizultat biss wara li dak l-istess kamin inqata' biex inbidel il-pipe wara li nfaqa'. B'hekk mhux talli l-konvenuti konjugi Fenech ma kienux qed jinjoraw sitwazzjoni li setghet tikkawza dannu lil terzi, senjatament lill-konjugi Spiteri, talli qatt ma setghu jobsru li l-pipe in kwistjoni kien se jinfaqa' u b'hekk jipprevjenu dak li gara fit-2 ta' Mejju 2006. Certament ghalhekk ma jistax jinghad li l-hsara kawzata fil-flat tal-konjugi Spiteri, ghal liema hsara ghamlet tajjeb is-socjetà attrici, giet ikkawzata minhabba imperizja, imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parte tal-konvenuti konjugi Spiteri.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li t-talba attrici ma hijiex gustifikata u ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Fenech u konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] Seduta mizmuma mill-Assistant Giudizzjarju Dr. Daniela Mangion fid-9 ta' April 2010.
[11] Fol. 47 tal-process.